MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1420/2010

**HSBC Bank Malta Plc (C-3177)**
**vs**

**Carmel Grech (K.I. 214051M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob is-somma ta' tliet elef, tliet mija u wiehed u tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3,331.23) kif ukoll l-imghax tat- tmienja fil-mija (8%) ta' sena mis-27 ta' Novembru, 2008 sad-data tal-pagament, (kif giet ridotta b'nota tas-socjeta' attrici fit-18 ta' Marzu, 2011) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mal-kont numru 025005646001.

Ghaldaqstant, il-bank attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont fuq imsemmi kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Novembru, 2008 (Art 166A) kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-

subizzjoni. Inkluzi l-ispejjez tal-mandat ipprezentat kontestwalment.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut fl-ebda mument m'awtorizza lil HSBC Bank Plc sabiex isir il-pagament.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ezagerati.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Elmer Grech, Carmel Grech u Adrian Saliba Corrado.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici u sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-konvenut.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi attrici jirrizulta li din hija talba ghal hlas ta' somma rapprezentanti serje ta' cekkijiet mahruga mill-konvenut u msarrfa mill-bank attur meta l-kont tal-klijent ma kellux fondi bizzejjed sabiex ikopru l-ammonti tac-cekkijiet. Il-konvenut ikkontenda li galadarba huwa ma kellux fondi fil-kont l-bank ma kellux isarraf dawk ic-cekkijiet.

Mill-provi tas-socjeta' attrici rrizulta li kien sar zball minn naha taghha meta ssarrfu cekkijiet meta fil-kont il-klijent ma kellux flus. Intqal illi hija prassi normali li meta ma jkunx hemm flus fil-kont, il-bank ma jonorax ic-cekk li jkun inkiteb u dan jigi '*referred to drawer*'. Illi fil-kaz in ezami, s-socjeta' attrici kienet taf lill-klijent u qatt ma kellha problem mieghu. Qalet ukoll illi l-klijent kellu kont sostanzjali maghha. Izda fis-16 ta' April, 2008 l-klijent zbanka l-fondi li kellu fil-kont '*savings'* u halla xi haga zghira fil-kont kurrenti. Illi dak iz-zmien kellu ukoll

applikazzjoni ghal self mill-bank u kienet inhargietlu '*sanction letter'* in konnessjoni ma' dan is-self. It-Tribunal sema' li l-konvenut kien kiteb serje ta' cekkijiet meta huwa kellu flus sabiex jonora l-istess cekkijiet izda wara li kienu nkitbu dawn ic-cekkijiet, il-konvenut zbanka flusu u ma halliex flus sabiex ic-cekkijiet jigu onorati. Ic-cekkijiet inhargu lil Water Services Corporation. Is-socjeta' attrici qalet illi hija kienet onorat ic-cekkijiet ghaliex kienet taf lill-klijent u qatt ma kellha problema mieghu tant illi fil-passat meta kien hemm sitwazzjonijiet simili l-klijent dejjem hallas. Intqal ukoll illi l-klijent kien iltaqa' ma' rapprezentanti tal-bank u ftiehmu li kien ha jhallas hamsin ewro (€50) fil-gimgha minghajr imghaxijiet. Izda l-konvenut baqa' ma hallasx u ghaldaqstant ittiehdu proceduri gudizzjarji kontra l-klijent ghall-hlas.

Mill-provi tal-konvenut irrizulta li huwa kien kiteb serje ta' cekkijiet favur il-Water Services Corporation allegatament sabiex jghin lil terza persuna llum mejta, thallas dawn il-kontijiet. Il-konvenut qal illi huwa kien qieghed jigi rikattat u mhedded minn dina l-persuna. Huwa spjega kif kien hareg serje ta' cekkijiet '*post dated'* f'isem il-'*Water Services Corporation'* u dawn kienu qieghdin jissarrfu. Gara li kif sar jaf li din it-terza persuna mietet minflok mar jaghmel '*stop payments'* fuq ic-cekkijiet li kien hareg iddecieda li johrog il-flus kollha li kellu fil-bank (cirka €40,000) u halla bilanc ta' mija u erbgha u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€194.35). Il-parir li nghata kien illi l-bank ma jsarrafx cekkijiet meta ma jkunx hemm flus fil-kont tat-trajent. Illi erronjament il-bank sarraf dawn ic-cekkijiet u l-konvenut ma riedx ihallas lura l-bank ghaliex ma kellux iktar fondi u l-bank ma messux sarraf dawk ic-cekkijiet meta l-kontijiet kienu vojta.

Wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba qudiemu, t-Tribunal huwa tal-fehma li meta bank jafda klijent u jaghtih '*cheque book'*, il-klijent ghandu d-dover li juza dan il-ktieb '*in buona fede'* u bl-onesta kollha. Illi huwa minnu li meta jinhareg cekk u klijent jiffirmah, fih innifisha din l-azzjoni hija dikjarazzjoni lir-ricevitur tac-cekk, illi huwa ghandu l-mezzi biex ihallas u konsegwentement il-bank ghandu jhallas mill-kont tac-cekk partikolari. Illi hlas permezz ta'

cekk jindika li t-trajent ghandu flus. Cekk *per se* huwa '*negotiable instrument*' u t-trajent ghandu jkun '*in buona fede*' meta jikteb cekk. Illi fil-kaz in dezamina meta c-cekkijiet inkitbu dawn inkitbu '*in buona fede'*. Izda meta l-konvenut gibet somma sostanzjali wara li nkitbu serje ta' cekkiijiet '*post dated*' u ma halliex ammonti bizzejjed fil-kont sabiex l-erba' cekkkijiet bin-numru 86 (€1520 datat 21/04/2008), cekk numru 87 (€1520 datat 28/04/2008), cekk numru 100 (€ 242.79 datat 16/04/2008), u cekk numru 101 (€242.790 datat 23/04/2008) jissarrfu w b'hekk il-konvenut kien *in 'mala fede'*. Globalment is-somma kienet ta' tliet elef hames mija u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€3525.58). Izda meta dan ic-cekk numru 100 gie msarraf kien baqa' s-somma ta' mija erbgha u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€194.35) fil-kont u ghalhekk l-ammont li ma kiex kopert kien ta' tliet elef tliet mija u wiehed tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3331.23) u cioe' l-ammont tat-talba.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut kien dahal ghal certi obbligi mal-'*Water Services Corporation'* u rnexxilu jhallas id-dejn li huwa kellu meta c-cekkijiet gew imsarrfa. Illi huwa minnu li l-bank kien ghamel zball meta onora dawn ic-cekkijiet. Izda huwa minnu ukoll li l-konvenut kien *in 'mala fede'*. Illi kieku ried, il-konvenut seta' jaghmel '*stop payment*,' fuq ic-cekkijiet li huwa ma riedx li jissarrfu izda ghazel li lanqas ma jaghmel hekk, minflok gibed il-flus li kellu l-bank sabiex ma jkunx hemm bizzejjed flus ghal hlas tac-cekkijiet. Illi t-Tribunal ra ukoll illi l-konvenut kien iltaqa' mar-rapprezentanti tal-bank u kien hemm tentattivi ghal ftehim li finalment ma sehhx. Illi t-Tribunal fehem illi l-izball minn naha tal-bank gie ripetut ghall-erba' darbiet u m'ghandux dubju li dan kien zball konsistenti. Izda l-inkompetenza tal-bank f'dan il-kaz m'ghandux jagevola klijent li kien agixxa *in 'mala fede'* partikolarment meta assigura li ma jkunx hemm flus fil-kontijiet billi gibet kollox qabel ma ssarrfu serje ta' cekkijiet li huwa kien hareg '*post dated'*. Li kieku l-konvenut talab '*stop payment'* hemmhekk kien juri certa '*buona fede'* izda t-Tribunal ra li l-konvenut ma mexxiex korrettament mall-bank. Huwa minnu li normalment bank ma jonorax cekkijiet meta ma jkunx hemm flus tant illi cekk jigi '*referred to drawer'*

b'*charge* lill-klijent izda minkejja dan l-izball tal-bank, meta l-konvenut inghata ktieb tac-cekkijiet huwa gie fdat mill-bank. Meta klijent ta' bank jikteb cekk, tali azzjoni ghandha titqies li saret bil-hsieb li c-cekk ghandu jigi msarraf u mhux li jinganna l-bank. L-ingann u l-agir frodulenti lejn il-bank fil-fehma tat-Tribunal sehh fil-mument illi l-konvenut gibed il-flus mill-kontijiet sabiex ma jissarrfux ic-cekkijiet li huwa kien kiteb. It-Tribunal ifakkar illi f'ebda mument il-konvenut ma kkunsidra li jaghmel '*stop payment'* izda ghazel minflok li jizvojta l-kont.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija t-Tribunal jirrizultalu li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha f'dan il-kaz u konsegwentement qed jilqa' t-talba atttrici filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundannah ihallas is-somma ta' tliet elef, tliet mija u wiehed u tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3331.23) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------